# XEJN!....

Ta' Erin Serracino-Inglott

Meta dikment xi darba
bħalkieku dlonk sabiex,
biswit, għenelli, f'daqqa,
jew jekk aħjar, għaliex?

Aktarx minn fuq b'dan kollu,
biss biss ukoll mingħajr,
jewwilla mhux fost kollox
bilkemm jalla malajr.

Imma b'daqshekk għalissa,
bil-bosta lanqas xejn...
Iżda kif qatt biż-żejjed,
dalwaqt, u mnejn sa fejn?

Xħin wara fis għad illi,
xi ftit il hinn u 'l hawn,
kulħadd għalxejn u l-għala,
bla bejn ilkoll bħal dawn!

Issa pitgħada bilġri
u traku bans moqbejl,
jew wara 'l fuq u 'l isfel,
il-lum flok ewl-il-lejl!

Bansejn fil-ġenb għamnewwel,
il-kotra nkella l-flien,
il-bieraħ ma' l-ewliemes.
fid-dieher kullimkien...

Immela ġaladarba
għalkemm mhux minnufih,
u saħansitra dejjem,
jaħasra... Merħba bih!